StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

**Il-L**
**4 -**

| | | |
|---|---|---|
| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (IT-TAĦDIT)** | **IL-ĦIN: Madwar 15-il minuta** |

**Il-Karta tal-Għalliema**

Gwida għat-tmexxija tal-assessjar tat-Taħdit

**Ir-Riżorsi:**
1. Il-gwida tal-mistoqsijiet
2. Il-kriterji
3. It-tabella tal-marki

## GWIDA TA' MISTOQSIJIET GĦALL-GĦALLIEMA

L-għalliema jistiednu lill-istudenti biex jiflu sewwa l-istampi ta' quddiemhom. Wara jistidnuhom jitkellmu fuq x'qed jaraw fl-istampi u x'jaħsbu dwarhom. Jekk l-istudenti jeħlu, l-għalliema jistgħu jippuntaw lejn l-istampi u jgħidulhom biex jispjegaw aktar fuq dak indikat permezz ta' mistoqsijiet bħal:

- **X'qed tara?**
- **X'hemm li laqtek l-aktar u għaliex?**
- **X'tista' ssemmi aktar fuq li qed tara?**
- **X'fihom differenti ż-żewġ stampi?**
- **Int f'liema żmien kieku tagħżel li tgħix?**
- **Int f'liema post tixtieq tkun / tmur?**
- **X'tibdlilhom l-istampi u għaliex?**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| **IL-KRITERJI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-MALTI MITKEL** | |
|---|---|
| **Il-vokabularju (3 marki)** | |
| Jinqeda biss bi kliem u frażijiet bażiċi fil-mod kif jesprimi ruħu. Idur għal kliem jew frażijiet b'lingwa oħra li mhix il-Malti. | Juża firxa wiesgħa ta' vokabularju li jku addattat għas-sitwazzjoni partikolari tat-taħdit. |
| **0 - 1 - 2 - 3** | |
| **It-taħdit mexxej u l-interazzjoni (3 marki)** | |
| Jaf ikompli ma' min qed ikellmu, imma jkun jeħtieġ għajnuna kontinwa. | Jaf ikompli ma' min qiegħed ikellmu, bla skossi u mingħajr tbatija żejda. |
| **0 - 1 - 2 - 3** | |
| **Il-korrettezza grammatikali (3 marki)** | |
| Jieħu żbalji morfoloġiċi (grammatikali) u sintattiċi (fil-binja tas-sentenza). | Jinqeda b'kostruzzjonijiet morfoloġiċi u sintattiċi korretti. |
| **0 - 1 - 2 - 3** | |
| **Ir-relevanza tad-diskors (3 marki)** | |
| It-tweġibiet mhumiex relevanti minkejja l-għajnuna li jingħata. | Jifhem il-mistoqsijiet u/jew l-istruzzjonijiet u jwieġeb b'mod relevanti. |
| **0 - 1 - 2 - 3** | |
| **Il-pronunzja u l-intonazzjoni tad-diskors (3 marki)** | |
| Il-kliem jitlissen b'mod żbaljat. | Il-kliem jitlissen b'mod tajjeb u b'intonazzjoni korretta. |
| **0 - 1 - 2 - 3** | |

**(15-il marka)**



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| Il-MALTI : Hiliet Bażiċi – l-Ewwel Sena (IT-TAHDIT) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-isem u l-kunjom** | **Il-klassi** | **Il-vokabularju (3 marki)** | **It-taħdit mexxej u l-interazzjoni (3 marki)** | **Il-korrettezza grammatikali (3 marki)** | **Ir-relevanza tad-diskors (3 marki)** | **Il-pronunzja u l-intonazzjoni tad-diskors (3 marki)** | **It-to (15-il mar** |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

StudentBounty.com





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-
4 -

StudentBounty.com

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI (L-UDIT u L-QARI) | IL-ĦIN: Madwar 15-il minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-tmexxija tal-assessjar tal-Udit u l-Qari

**Ir-Riżorsi:**

1. Tabella tal-assessjar fil-ħiliet tal-udit u l-qari.
2. Il-kliem li jinqraw mill-istudenti - Test minn 1 sa 5 (Agħżel skont il-ħtieġa minn lista A jew B).

| Test | Il-Kriterji li fuqhom jingħataw il-marki | Il-Marki |
|---|---|---|
| 1 | L-istudenti jintalbu jgħaqqdu l-ħsejjes tal-ittri tal-ħames kelmiet magħżula. Nofs marka kull kelma. | 2.5 |
| 2 | L-istudenti jintalbu jħossu l-ħsejjes tal-ittri tal-ħames kelmiet magħżula. Nofs marka kull kelma. | 2.5 |
| 3 | L-istudenti jintalbu jaqraw ħames kelmiet minn Lista A jew B f'5 sekondi għal kull kelma. Nofs marka kull kelma. | 2.5 |
| 4 | L-istudenti jaqraw is-sentenzi. L-ewwel sentenza nofs marka; l-oħrajn marka kull waħda. Jekk jaqraw ħażin aktar minn nofs il-kliem tas-sentenza, ma jiħdux marki. | 2.5 |
| 5 | L-istudenti jaqraw il-paragrafu. Il-marki jingħataw skont kemm it-test jinqara tajjeb u bis-sens. | 5 |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ[ZJONI]

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012

| L-Ewwel Sena | Il-Malti (L-Udit u l-Qari) | Il-Ħin: Madwar 15-il minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

| IL-MARKA |
|---|
| ____ 15 |

Isem u Kunjom l-istudent : ___________________________

Il-Klassi : ___________________

**Test 1. Għaqqad l-ittri biex tifforma kelma:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Lista A :** | fuq | xita | torta | kolla | tuffieħa |
| **Lista B :** | nar | mera | forma | sodda | karozza |

**Marka : 2.5** □ **2** □ **1.5** □ **1** □ **0.5** □ **0** □

**Test 2. Ħoss l-ittri tal-kliem:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Lista A :** | far | vina | ġobon | żarbun | nuċċali |
| **Lista B :** | vit | mira | fenek | kartun | larinġa |

**Marka : 2.5** □ **2** □ **1.5** □ **1** □ **0.5** □ **0** □

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Test 3. Aqra dan il-kliem:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Lista A** : | bi | kien | huma | għasfur | friġġ |
| **Lista B** : | sa | ġiet | huwa | għalqa | plejer |

**Marka : 2.5** □ **2** □ **1.5** □ **1** □ **0.5** □ **0** □

**Test 4. Aqra dawn is-sentenzi:**

Is-siġra tat-tuffieħ.

Is-siġra tat-tuffieħ kibret ħafna.

Is-siġra tat-tuffieħ kibret ħafna u tagħmel il-frott.

**Marka : 2.5** □ **2** □ **1.5** □ **1** □ **0.5** □ **0** □

**Test 5. Aqra din is-silta:**

**<u>Il-bitħa tan-nanna</u>**

Fid-dar tan-nanna hemm bitħa. Din il-bitħa hi kbira u sabiħa. F'nofs il-bitħa tan-nanna, hemm bir qadim. In-nanna tuża l-ilma tal-bir biex issajjar. Dan l-ilma jkun frisk ħafna. In-nanna tieħu ħsieb li l-bir ikun nadif. Il-bir dejjem magħluq minħabba l-periklu. Jien ngħin lin-nanna ttella' l-ilma mill-bir.



**Marka : 5** □ **4** □ **3** □ **2** □ **1** □ **0** □

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDU[illegible]NI

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012

| L-Ewwel Sena | Il-Malti (L-Udit u l-Qari) | Il-Ħin: Madwar 15-il minuta |
|---|---|---|

Il-Karta tal-Istudenti

## Test 3. Aqra dan il-kliem: Lista A

| |
|---|
| bi |
| kien |
| huma |
| għasfur |
| friġġ |

## Test 3. Aqra dan il-kliem: Lista B

| |
|---|
| sa |
| ġiet |
| huwa |
| għalqa |
| plejer |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Test 4. Aqra dawn is-sentenzi:

Is-siġra tat-tuffieħ.

Is-siġra tat-tuffieħ kibret ħafna.

Is-siġra tat-tuffieħ kibret ħafna u tagħmel il-frott.

## Test 5. Aqra din is-silta:

**<u>Il-bitħa tan-nanna</u>**



Fid-dar tan-nanna hemm bitħa. Din il-bitħa hi kbira u sabiħa. F'nofs il-bitħa tan-nanna, hemm bir qadim. In-nanna tuża l-ilma tal-bir biex issajjar. Dan l-ilma jkun frisk ħafna. In-nanna tieħu ħsieb li l-bir ikun nadif. Il-bir dejjem magħluq minħabba l-periklu. Jien ngħin lin-nanna ttella' l-ilma mill-bir.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

**Il-**
**4 -**

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (IS-SMIGĦ)** | **IL-ĦIN: 30 MINUTA** |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Il-karta għandha tinżamm wiċċha ’l isfel.<br>▪ Ser tinqralhom l-ewwel parti tas-silta.<br>▪ Jisimgħu b’attenzjoni u ma jwieġbu u ma jiktbu xejn waqt dan l-ewwel qari. | **5 minuti** |
| **2** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha ’l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet dwar l-ewwel silta. | **3 minuti** |
| **3** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha ’l isfel u jisimgħu t-tieni qari tal-ewwel silta.<br>▪ Ma jwieġbu u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari.<br>▪ Malli jintemm il-qari jaħdmu l-eżerċizzju fuq l-ewwel silta. | **5 minuti** |
| **4** | ▪ Tinqralhom it-tieni silta.<br>▪ Jisimgħu b’attenzjoni u ma jwieġbu u ma jiktbu xejn waqt dan l-ewwel qari. | **5 minuti** |
| **5** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha ’l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet dwar it-tieni silta. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha ’l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>▪ Ma jwieġbu u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari.<br>▪ Wara għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba. | **5 minuti** |
| **7** | ▪ Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra.<br>▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m’għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **4 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**L-Ewwel Silta**

**Peter u l-Laringė**



Jisimni Peter Pace u tgħidx kemm inħobb il-laringė! Il-frawli jogħġobni u anke l-ħawħ, imma l-laringa hija l-frotta l-aktar għal qalbi. ***(Par. 1)***

Għalija m'hemmx xarba itjeb minn tazza laringė frisk. Peress li jien la nħobb il-kafe` u lanqas it-te, filgħodu qabel l-iskola, nagħsar żewġ laringiet u nixrobhom f'nifs. ***(Par. 2)***

Fix-xitwa l-laringė jgħinni ma nimradx. Fis-sajf ma taranix nixrob luminata. Anzi nippreferi niekol laringa minn ġelat. Meta tkun sħana taqli l-ankri, il-laringė jaqtagħli l-għatx, filwaqt li l-ġelat iżidhuli! ***(Par. 3)***

La nikber nixtieq li jkolli dar bi ġnien kbir, fejn inkun nista' nħawwel xi laringa jew tnejn. Dan biex inserraħ moħħi li kull filgħodu laringa friska nsibha żgur! ***(Par. 4)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Il-mistoqsijiet dwar l-ewwel silta.** **(1**

**Immarka ✓ VERU jew FALZ.**

| | | **VERU** | **FALZ** |
|---|---|---|---|
| 1 | Peter għadu jmur l-iskola. | | |
| 2 | L-aktar frott li jħobb Peter hu l-frawli. | | |
| 3 | Qabel l-iskola Peter jieħu kikkra te. | | |
| 4 | Peter iħobb il-larinġ magħsur. | | |
| 5 | Il-ħawħ jgħin lil Peter ma jimradx. | | |
| 6 | Peter ma jħobbx il-luminata. | | |
| 7 | Jippreferi jiekol larinġa minn ġelat. | | |
| 8 | Il-ġelat jaqta' l-għatx. | | |
| 9 | Peter għandu ġnien. | | |
| 10 | La jikber Peter jixtieq ikollu l-larinġ tiegħu x'jagħsar. | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Silta**

**Brama!**



Fis-sajf, Jessica kienet l-Għadira. Ta' kuljum kienet tinżel tgħum. Darba minnhom marret tgħum bħas-soltu. Il-baħar kien ċar u **<u>s-sema safi</u>**. ***(Par. 1)***

Fil-bogħod semgħet lil xi tfal iwerżqu u rathom jitilgħu jiġru fuq ix-xatt, imma ma tatx kas. Kompliet tipprepara biex tfittex tinżel tgħum. ***(Par. 2)***

Jessica **<u>l-għaxqa tagħha</u>** tgħum u togħdos bil-maskla tal-baħar biex tara l-qiegħ. Fejn tgħum Jessica **<u>ftit li xejn tara ħut</u>**, iżda xi kultant jirnexxilha tilmaħ xi ħuta żgħira, bħal xi ċawla jew burqax. ***(Par. 3)***

Jessica kienet wiċċha fl-ilma meta, **<u>ħin bla waqt</u>**, ġiet **<u>wiċċ imb wiċċ</u>** ma' brama. Il-brama kienet vjola brunġiela, kerha twaħħxek u kellha s-swaba' twal twal. ***(Par. 4)***

It-tifla twerwret, tfixklet u qabdet taqdef bil-ħeffa lejn ix-xatt. B'xorti tajba hija rnexxielha taħrab mingħajr ma tmiss mal-brama. Jessica telgħet tiġri fuq ir-ramel u dakinhar ma reġgħetx niżlet tgħum aktar. ***(Par. 5)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Il-mistoqsijiet dwar it-tieni silta**. (1

**Aqta' linja taħt it-tajba.**

1. **is-sema safi** tfisser:

a. sema mimli sħab | b. sema bis-sħab tar-riħ | ċ. sema bla sħab

2. **l-għaxqa tagħha** tfisser:

a. dak li ma tiħux gost tagħmel | b. dak li tieħu gost tagħmel | ċ. toqgħod Ħal Għaxaq

3. **ftit li xejn tara ħut** tfisser:

a. qatt ma jkun hemm ħut | b. dejjem ikun hemm il-ħut | ċ. ġieli jkun hemm xi ħuta

4. **ħin bla waqt** tfisser:

a. f'daqqa waħda | b. ma kinitx taf x'ħin kien | ċ. filgħodu

5. **wiċċ imb wiċċ** tfisser:

a. wara xulxin | b. faċċata ta' xulxin | ċ. maġenb xulxin

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

**Il-[illegible]**
**4 - [illegible]**

StudentBounty.com

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI (IS-SMIGĦ) | IL-ĦIN: 30 MINUTA |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Istudenti

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

| IL-MARKA |
|---|
| |
| **20** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

1. Il-mistoqsijiet dwar l-ewwel silta: (10

StudentBounty.com

**Peter u l-Larinġ**

**Immarka ✓ VERU jew FALZ:**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1 | Peter għadu jmur l-iskola. | | |
| 2 | L-aktar frott li jħobb Peter hu l-frawli. | | |
| 3 | Qabel l-iskola Peter jieħu kikkra te. | | |
| 4 | Peter iħobb il-larinġ magħsur. | | |
| 5 | Il-ħawħ jgħin lil Peter ma jimradx. | | |
| 6 | Peter ma jħobbx il-luminata. | | |
| 7 | Jippreferi jiekol larinġa minn ġelat. | | |
| 8 | Il-ġelat jaqta' l-għatx. | | |
| 9 | Peter għandu ġnien. | | |
| 10 | La jikber Peter jixtieq ikollu l-larinġ tiegħu x'jagħsar. | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**2. Il-mistoqsijiet dwar it-tieni silta: Brama!** (10

**Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba:**

1. **is-sema safi** tfisser:

   a. sema mimli sħab.

   b. sema bis-sħab tar-riħ.

   ċ. sema bla sħab.

2. **l-għaxqa tagħha** tfisser:

   a. dak li ma tiħux gost tagħmel.

   b. dak li tieħu gost tagħmel.

   ċ. toqgħod Ħal Għaxaq.

3. **ftit li xejn tara ħut** tfisser:

   a. qatt ma jkun hemm ħut.

   b. dejjem ikun hemm il-ħut.

   ċ. ġieli jkun hemm xi ħuta.

4. **ħin bla waqt** tfisser:

   a. f'daqqa waħda.

   b. ma kinitx taf x'ħin kien.

   ċ. filgħodu.

5. **wiċċ imb wiċċ** tfisser:

   a. wara xulxin.

   b. faċċata ta' xulxin.

   ċ. maġenb xulxin.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (IL-KITBA)** | **IL-ĦIN: Siegħa** |
|---|---|---|

| **Il-Marki** | **L-Udit u l-Qari** | **It-Taħdit** | **Is-Smigħ** | **Il-Kitba** | **Il-Proġett** | **It-Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | ___ **15** | ___ **15** | ___ **20** | ___ **40** | ___ **10** | ___ **100** |

**L-isem u l-kunjom: ______________________**

**Il-klassi: _______**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| | |
|---|---|
| A. TAĦRIĠ IL-FEHEM | ki |

**Aqra l-istorja li ġejja. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Sejrin Għawdex



Nhar il-Ħamis li ġej, l-għalliem tal-Istorja se jieħu lil Jerry u lil sħabu tal-klassi sa Għawdex. Jerry ilu ħafna biex imur Għawdex. Għadu qatt ma mar hemm. L-għalliem qalilhom li biex imorru Għawdex iridu l-ewwel jitilgħu bil-karozza tal-linja ċ-Ċirkewwa u minn hemm jirkbu l-vapur. Bil-vapur għandhom vjaġġ ta' nofs siegħa biex jaqsmu l-fliegu. Jerry **ferħan se jtir** għax hu qatt ma tela' fuq dgħajsa! **(par. 1)**




L-għalliem qalilhom biex il-Ħamis iqumu kmieni u fis-sitta ta' filgħodu jkunu l-Belt Valletta. Jerry **għandu seba' mitt sena** sa ma jasal il-Ħamis. Huwa jispera biss li l-baħar ma jkunx imqalleb u jagħmillu d-deni.

**(par. 2)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

a) Jerry minn dejjem xtaq imur (iċ-Ċirkewwa, Għawdex, il-Belt). *Par.1*

nofs marka

b) *Par.1* - **"ferħan se jtir"** tfisser

(kuntent ħafna, ferħan għax sejjer bl-ajruplan, mhux se jibqa' ferħan).

nofs marka

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt.**

a) Biex tmur Għawdex, wara li tasal iċ-Ċirkewwa xi trid tagħmel? *Par.1*

____________________________________________nofs marka

b) Meta sejjer Għawdex Jerry? *Par.1*

____________________________________________nofs marka

ċ) Ma' min sejjer Għawdex Jerry? *Par.1*

____________________________________________nofs marka

d) Fejn se jiltaqgħu? *Par.2*

____________________________________________nofs marka

e) X'qed jittama Jerry? Għaliex? *Par.2*

________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| B. IL-GRAMMATIKA | 6 ma |
|---|---|

1. **Kompli dawn il-kelmiet billi ssib is-sillaba t-tajba fil-kaxxa.**
   **L-ewwel waħda hija lesta.** (2 marki)

| |
|---|
| **- bun - duq - ~~da~~ - dien - bu** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
|  |  |  |  |  |
| war***da*** | ġur______ | ser ______ | żar ___ | jixor ___ |

2. **Ikteb l-artiklu quddiem il-kelmiet.** (marka)

| | |
|---|---|
|  |  |
| **___-mejda** | **___-taraġ** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. **Ikteb dawn x'inhuma:** (2 ma

| **Eżempju:** dan <u>lapes</u> →  | |
|---|---|
|  dan ____________. |  din _____________ . |
|  dawn ______________. |  dawn _____________. |

4. **Poġġi l-ittra n-nieqsa.** (marka)



**It-tifel ħare___ jiġri.**

**Kemm inħobb ni__fen.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. IL-LETTERATURA 10 m

### 1. Il-Poeżija

**Agħmel sing taħt it-tajba.** **(3 marki)**

1. Il-poeżija ta' Anastasju Cuschieri titkellem dwar *Ritratt ta' Toninu* (m'ommu, m'oħtu, ma' nanntu).
2. F'*Lil Ommi* Rużar Briffa qed jitlob lil ommu (tbennu, tagħtih jiekol, tbiddillu).
3. F'*L-Għasfur* il-poeta jixtieq (isiefer, itir fl-għoli, imur jonsob).
4. F'*Il-Ħolma t'Alla* Anton Buttigieg ixebbah lil Alla ma' (pittur, poeta, pjanista).
5. F'*Tifħira lil Malta* Ġan Anton Vassallo jfaħħar (il-frott, il-bini, il-ħut) Malti.
6. Fil-poeżija *Bjuda* Dun Karm ra l-kulur abjad (fil-ħalib, fis-silġ ta' fuq l-għoljiet, fil-karti).



### 2. Il-Proża (7 marki)

**Agħżel billi tagħmel ✓ taħt Veru jew Falz** (2 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Zito nstab il-Buskett. | | |
| 2. | Minn Zito kien joħroġ dawl isfar. | | |
| 3. | Zito kien ġej mill-Italja. | | |
| 4. | Zito telaq mal-familja tiegħu b'vettura spazjali. | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** (ma…

5. Meta raw lil Zito l-ewwel darba, Stefan u _____________kienu qed jilagħbu bil-ballun il-Buskett.
6. Spikey kien il-_________________ tal-familja Debono.

## 3.Stejjer tal-Linka

**Agħżel it-tajba:** (2 marki)

1. *Buzzy* kien (vapur, ħmar, ajruplan).
2. *Bil-Ħarqa u bil-Limousine* titkellem dwar (tfal, annimali, anzjani) li jridu jagħmluha ta' kbar.
3. F'*L-Istorja tal-Ħmar* in-nannu kien jgħid lit-tfal li se jsiru sinjuri meta l-ħmar irabbi (s-saqajn, l-ġwienaħ, l-widnejn).
4. *L-Aħħar Merill tad-Dinja* meta ra ħafna nies (għanna, ħarab, miet).

**Kompli dawn is-sentenzi:** (2 marki)

5. L-aktar storja li għoġbitni jisimha ____________________.

6. Għoġbitni għax ________________________________________

________________________________________________________ .

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. Il-Kitba** **20 ma**

**1. Il-qattus li tant tħobb u tieħu ħsieb intiliflek.**

**Imla l-vojt ta' dan l-avviż dwar il-qattus tiegħek. (5 marki)**



L-isem tal-qattus: ______________________

Il-kulur tal-qattus: ______________________

Ir-razza tal-qattus:______________________

Id-daqs tal-qattus: _______________________

Meta ntilef il-qattus: ________________________________

Il-qattus intilef fir-raħal ta' ___________________________

fi Triq ___________________ fejn hemm _______________

________________________________________________

Min isib dan il-qattus, mitlub iċempel lil _________________

Numru tat-telefown :________________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Sib ħames oġġetti fl-istampa, iktibhom u mmarkahom bi vleġġa.  Ara l-eżempju. (5 ma

StudentBounty.com




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

E. Ikteb TMIEN (8) sentenzi jew paragrafu biex toħloq storja dwar dawn l-istampi.
Tista' tuża l-kliem tal-kaxxa u l-mistoqsijiet biex jgħinuk: (10 marki)

| logħba - baskitbol - ballun – ċirku - rebbieħ |
|---|




1. Meta u fejn iltaqgħu dawn iż-żewġt iħbieb?
2. X'għamlu ? Irrakkonta x'ġara.




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers